# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 10**

**Rikors numru 305/16/1 FDP**

**John u Agnes konjugi Borg**

**v.**

**Welcome Auto Dealer Limited (C 64346) u Clint La Rosa**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell ta' John u Agnes Borg (minn hawn 'il quddiem imsejħin bħala 'l-appellanti') minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ġiet mogħtija fit-13 ta' Lulju 2020 u li fiha ġew miċħuda t-talbiet tal-appellanti fis-sħiħ tagħhom. Il-fatti ta' din il-kawża huma dawn li ġejjin;

2. B’rikors maħluf tal-14 ta’ April 2016, John Borg iddikjara li huwa kien ftiehem ma’ Clint La Rosa sabiex iġiblu mill-Amerika vettura tat-tip *Mustang* tas-sena 1965. Jispjega li hekk kif mar l-Amerika, Clint La Rosa sab li l-vettura li kienu ftehmu fuqha kienet laħqet ġiet mibjugħa, u wara li ġara hekk, dan tal-aħħar informah li kien sablu vettura oħra tal-istess mudell, bl-istess speċifikazzjonijiet u fl-istess kundizzjoni tal-ewwel vettura li kienu ftehmu fuqha. Jilmenta li hekk kif waslet f’Malta huwa sab li din il-vettura kienet f’‘kundizzjoni diżastruża’ u b’hekk mhux tal-kwalità pattwita skont l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Jgħid li minħabba f’hekk huwa daħal għal spejjeż żejda u jistqarr li għalkemm huwa talab lill-konvenuti sabiex jieħdu l-vettura lura u jroddulu flusu, dawn tal-aħħar baqgħu ma għamlu xejn minn dan;

3. Fid-dawl ta’ dan, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex:

> *“i) Tiddikjara illi vettura de quo agitur tat-tip Mustang tal-1965 (Warranty Number 5R07T208875) mibjugħa lir-rikorrent mhijiex waħda tal-kwalità pattwita u għalhekk hemm lok li tintalab ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ de quo u r-rifużjoni tal-prezz kollu mħallas.*
>
> *ii) Tirrixendi l-bejgħ tal-vettura tat-tip Mustang mibjugħa lir-rikorrenti.*
>
> *iii) Tordna lill-intimati jew min minnhom jirrifondu lura lir-rikorrenti l-prezz sittax il-elf Ewro (€16,000).*
>
> *iv) Tiddikjara illi a kawża ta' l-aġir ta’ l-intimati jew min minnhom kif fuq ingħad, ir-rikorrenti sofrew danni konsistenti fost affarijiet oħra ta' spejjeż inkorsi għar-rapport tas-surveyor.*
>
> *v) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti.*
>
> *vi) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.*

> *Bl-ispejjeż inkluż l-ispejjeż taċ-ċedola li ġiet presentata kontestwalment u tal-konsinjatarja li qiegħed iżomm il-vettura odjerna pendenti dawn il-proċeduri, u l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi li ġie preżentat kontestwalment, bl-imgħax u l-intimat inġunt in subizzjoni".*

4. B'risposta konġunta tal-4 ta' Mejju 2016, il-konvenuti, hawn appellati, laqgħu għall-pretensjonijiet tal-atturi b'għadd ta' eċċezzjonijiet. Fuq xejra preliminari ġie sottomess li l-kumpanija 'Welcome Auto Dealer Ltd.' ma kinitx waħda mill-kontraenti u minħabba f'hekk din tal-aħħar m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi. Fil-mertu, il-konvenuti ċaħdu li l-vettura mhijiex tal-kwalità pattwita, u minħabba f'hekk qalu li ma hemmx għalfejn jiġi mħassar il-bejgħ. Ċaħdu wkoll li kkawżaw xi danni lill-atturi u stqarru li Clint La Rosa "*minn dejjem aġixxa bl-aħjar mod possibbli u segwa d-diliġenza stretta f'dan il-bejgħ"*. Iddikjaraw ukoll li l-bejgħ ġie konkluż tant li Clint La Rosa beda proċeduri legali kontra l-atturi biex jirkupra l-bqija tal-prezz tal-vettura (Avviż 125/16AM). Qajmu wkoll id-difiża li l-vettura ġiet trasferita lil John Borg, li aċċettaha, tant li sa dakinhar kienet għadha għandu. Filwaqt li qiesu t-talbiet tal-atturi bħala mhux siewja kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, qalu li bla ħsara għall-eċċezzjonijiet tagħhom, l-atturi kellhom f'kull każ jippruvaw dak allegat minnhom, kif ukoll iġibu prova tad-danni u tal-*quantum* tat-tali danni. Bla ħsara għal dan kollu, il-konvenuti qajmu wkoll id-difiża li l-vettura in mertu kienet misjuba fuq sit elettroniku minn John Borg u ibnu, u minħabba f'hekk l-azzjoni tal-atturi ma setgħetx titressaq għaliex il-kuntratt mhuwiex wieħed ta' bejgħ;

5. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet din it-tilwima billi ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi u kkundannat lill-istess atturi sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri għajr dawk tal-kumpanija 'Welcome Auto Dealer Limited' li għandu jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut Clint La Rosa;

6. Il-konsiderazzjonijiet ewlenin li fuq is-saħħa tagħhom, l-Ewwel Qorti waslet għall-fehma li l-vettura mertu ta' din il-kawża hija tal-kwalità pattwita kienu dawn li ġejjin:

> *"51. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi l-vettura hija tal-kwalita' pattwita. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti jikkontendu illi l-vettura għandha ħafna difetti kif stabbilit mis-surveyor tagħhom, Emmanuel Felice.*
>
> *52. Il-Qorti tħoss illi, f'dana l-istadju, għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:*
>
> > *a. Jirriżulta mhux ikkontestat illi kienu r-rikorrenti, partikolarment it-tifel tagħhom, Christian, illi sabu l-vettura illi eventwalment mar jara l-intimat Clint La Rosa u setgħu jaraw il-vettura minn fuq video illi kien hemm fuq is-sit elettroniku tad-ditta Vegas Classic Muscle Cars, tant illi bagħtu l-video lil Clint la Rosa.*
> >
> > *b. Jirriżulta illi, mument minnhom, Christian Borg għamel pressjoni fuq La Rosa sabiex jassikura ruħu li jixtri l-vettura, u dana meta qallu "Prova titilfux k jogbok ghax Dan vra ogobni peress Li 302"*
> >
> > *c. Jirriżulta illi meta l-intimat mar jispezzjona l-vettura, huwa għarraf lil Christian Borg illi kien hemm xi difetti żgħar fiż-żebgħa u fis-suspensions u bgħatlu żewġ videos tal-vettura kif kienet, meta l-magna tal-vettura kienet qed taħdem.*
> >
> > *d. Jirriżulta illi, wara illi l-Qorti rat il-videos ppreżentati, jista' jiġi konstatat li l-istat tal-vettura ictu oculi fil-video huwa kważi l-istess għal dik illi tidher fis-serje ta' ritratti meħuda mis-surveyor tar-rikorrent u li jidher a fol 67 sa 79 tal-proċess - l-unika differenza illi*

*setgħet tiġi ravviżata huwa illi fil-video tad-ditta Amerikana, jidher illi hemm horn fuq l-isteering Wheel, filwaqt illi kemm fil-video meħud mill-intimat kif ukoll fir-ritratti tas-surveyor, jidher illi tali horn huwa nieqes.*

*e. Jirriżulta, finalment, illi l-karozza hija vettura tas-sena 1965, u għalhekk il-vettura għandha ħamsa u ħamsin sena (55) fuqha, bir-riżultat illi hija ħaġa naturali li l-vettura kellha, ta' bilfors, difetti ta' żmien u ta' użu. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tkun verament dilettant tal-karozzi, kif jikkontendi r-rikorrent John Borg illi huwa t-tifel tiegħu, meta takkwista vettura antika u tieħu ħsieb li tagħmillha x-xogħolijiet kollha neċessarji sabiex iġġibha lura fl-istat oriġinali tagħha b'ħafna xogħol u investiment – u mhux illi tippretendi li tixtri karozza antika li tkun fi stat perfetta mal-ewwel. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi jidher li l-interess ta' Christian Borg, ta' wieħed u għoxrin sena, kien aktar illi jisma' l-magna taħdem u jisma' l-ħoss tal-exhaust kif ukoll illi l-karozza jkollha magna 302, ossija V8 ta' ċilindrata qawwija ħafna. Tant huwa dilettant tal-karozzi, Christian Borg, illi bagħat lill-intimat La Rosa jara u jakkwista vettura tas-sena 1965 għax kellha magna "302", meta attwalment, kieku kien verament dilettant, kien ikun jaf illi l-ewwel Mustang li ħarġet b'magna '302' ħarġet fis-sena 1968!*

*f. Jirriżulta, għalhekk, illi għalkemm huwa minnu illi l-vettura għandha varji difetti, kif stabbilit mis-surveyor tar-rikorrenti, uħud mid-difetti kienu ġia' ġew indikati mill-intimat stess u kien offra illi jirrimedjahom huwa stess u oħrajn huma difetti ta' vettura tal-età tagħha, li ċertament ma setgħux jiġu faċilment stabbiliti u li huma difetti illi, kull dilettant veru ta' vetturi huwa dispost illi jaċċetta u jirranġa, għax huwa difetti naturali, riżultat ta' użu tal-vettura, u li wieħed għandu jipprevedi.*

*g. Jirriżulta, għalhekk, illi l-vettura kienet attwalment tal-kwalita' pattwita, stante illi kienet ben viżjonata minn Christian Borg u murija wkoll minn Clint La Rosa, u r-rikorrenti kienu ben a korrent ta' dak illi kienu qed jixtru.*

*53. Jirriżulta, għalhekk illi tali difiża mqajjma mill-intimati tistħoqq illi tiġi milqugħa.*

*54. Il-Qorti, in vista tal-fatt illi tali eċċezzjoni ġiet minnha aċċettata, tħoss illi ma jkunx hemmx bżonn tinoltra ruħha fl-aħħar żewġt eċċezzjonijiet ta' l-intimati – ossija illi ma kienx bejgħ iżda kuntratt sine qua non, u li r-rikorrenti ingħatalhom pussess tal-vettura.*

*55. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, għalkemm ir-rikorrenti jikkontendu illi huma ddepositaw il-vettura fil-Qorti, element neċessarju sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' rexissjoni tentata mir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16, qatt ma ġiet ippreżentata ebda prova quddiem dina l-Qorti illi attwalment tali vettura kienet ġiet iddepożitata l-Qorti –*

> *għalhekk, għal kull buon fini, jingħad illi r-raba' difiza ta' l-intimati, kif fuq indikata, tirriżulta ippruvata wkoll, peress illi ma hemm ebda prova a kuntrarju ta' dak dikjarat mill-intimati".*

7. L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Ewwel Qorti u b'rikors tal-appell li ġie mdaħħal fl-24 ta' Lulju 2020, argumentaw li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ċaħdet it-talbiet tagħhom. L-atturi issa appellanti għalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex: *"tvarja s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Imħallef F. Depasquale fit-13 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet premessi, fis-sens illi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-appellati rigwardanti l-leġittimu kuntradittur, tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-bqija tas-sentenza u konsegwentement tilqa' t-talbiet attriċi appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti"*;

8. Minkejja li l-konvenuti appellati ġew notifikati bir-rikors tal-appell fid-29 ta' Lulju 2020, dawn għażlu li ma jirrispondux bil-miktub għall-appell tal-atturi, u minflok ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm waqt is-seduta miżmuma fl-10 ta' Jannar 2023;

9. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u qieset dak kollu li kellhom xi jgħidu d-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar 2023, din il-Qorti issa hija f'pożizzjoni li tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

10. B'dawn il-proċeduri, l-appellanti qegħdin jixlu lill-intimati appellati li biegħulhom vettura fi stat diżastruż u mhux tal-kwalità oriġinarjament imwiegħda lilhom. L-appellanti qegħdin għalhekk fuq is-saħħa ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ifittxu l-ħall tal-bejgħ tal-vettura biex b'hekk jiksbu lura, kemm is-sittax-il elf ewro li ħallsu lill-appellati bħala akkont tal-prezz tal-istess vettura, kif ukoll id-danni konsistenti fi spejjeż żejda li kellhom jidħlu għalihom minħabba l-aġir tal-istess appellati;

11. Peress li t-talbiet tal-appellanti ġew ilkoll miċħuda, l-appellanti qegħdin issa jikkontestaw is-sentenza tal-Ewwel Qorti fuq is-saħħa ta' ħames aggravji li fil-qosor jistgħu jinġabru f'dan li ġej: -

a Li l-Ewwel Qorti kellha tistrieħ fuq dak li ġie miftiehem fl-iskrittura tas-7 ta' Awwissu 2015 (DOK JBC, fol. 45), u dan skont diversi prinċipji fosthom dawk ta' '*pacta sunt servanda'* u '*contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur'*;

b Li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinjora mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni r-rapport magħmul mill-espert *ex parte* Emanuel Felice;

c Li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti miġjuba quddiemha;

d Li l-Ewwel Qorti straħet fuq suppożizzjonijiet li ma joħorġux mill-atti; u

e Li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-konvenuti u dan fis-sens li tikkonkludi li l-atturi naqsu milli jippreżentaw prova li l-vettura ġiet mitluqa mill-pussess tagħhom u ddepożitata;

12. Il-Qorti ser tgħaddi issa biex tindirizza dawn l-aggravji, u dan billi tibda mill-ewwel aggravju;

13. Fl-**ewwel aggravju**, l-appellanti qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti biddlet il-kundizzjonijiet tal-kuntratt maqbul bejn il-partijiet b'dak li dehrilha li kienet xi konswetudni fil-bejgħ u x-xiri tal-vetturi antiki. L-appellanti jargumentaw li meta hemm kuntratt bejn il-partijiet, l-interpretazzjoni ta' dak il-kuntratt għandha tirriżulta minn dak l-att innifsu u mhux minn provi estranji. Filwaqt li jagħmlu referenza ghal bosta sentenzi li fihom ġie mħaddan il-prinċipju ta' *'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non feritur',* jirreferu għall-iskrittura tas-7 ta' Awwissu 2015 (DOK JBC, fol. 45) li fiha ġie mniżżel li: *"[s]eller holds responsibility that car is delivered in full working order and in good condition as stated on the*

*advert and report."* Jagħmlu mbagħad referenza ghar-reklam riferut f'dak il-ftehim (Dok JBB, fol. 44) li fih hemm imniżżla diversi speċifikazzjonijiet u karatteristiċi tal-vettura mertu ta' dak il-ftehim. Għalkemm jammettu li dik il-vettura li tidher fuq ir-reklam laħqet inbiegħet, jargumentaw li l-ftehim oriġinali baqa' ma nbidilx u l-vettura l-oħra (u ċjoè l-vettura mertu ta' din il-kawża) kellha kemm jista' jkun tissodisfa l-kwalitajiet imsemmija f'dak il-ftehim u r-reklam. Jgħidu wkoll li l-ftehim tal-appellati kien magħhom biss u mhux ma' binhom, u minħabba f'hekk jissottomettu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqis li dak li ntqal bejn l-appellati u binhom wassal għal xi varjazzjoni tal-ftehim oriġinali tas-7 ta' Awwissu 2015. Jagħlqu billi jgħidu li l-kostatazzjonijiet tal-espert *ex parte* huma ferm kuntrastanti ma' dak li ġie oriġinarjament miftiehem mal-appellati u fuq hekk biss l-Ewwel Qorti kellha tilqa' dak mitlub minnhom;

14. Din il-Qorti ma tħossx li l-ewwel aggravju huwa siewi. Għalkemm huwa minnu li l-iskrittura tas-7 ta' Awwissu 2015 tista' tixħet dawl fuq it-tip u l-istat ta' vettura li riedu jakkwistaw l-appellanti, jibqa' xorta waħda l-fatt li fiha nfisha, dik l-iskrittura mhijiex dwar l-istess vettura mertu ta' din il-kawża: u dan appuntu għaliex il-vettura mertu ta' dak il-ftehim laħqet inbiegħet qabel ma' mar jaraha Clint La Rosa. Wieħed mill-kriterji ewlenin tal-bejgħ huwa l-'ħaġa', u peress li f'dan il-każ il-vettura mertu tal-iskrittura tas-7 ta' Awwissu 2015 mhijiex l-istess waħda li dwarha hija din il-kawża, allura din il-Qorti ma tarax li l-appellanti għandhom raġun meta

jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha tqiegħed xi għamad m'għajnejha u tqis biss dak li ġie mniżżel f'dik l-iskrittura u r-reklam, u dan mingħajr ma tqis il-provi l-oħra, speċjalment dak li ġie diskuss bejn l-appellat Clint La Rosa u iben l-appellanti. Mill-atti jirriżulta li l-appellanti kienu jafu sewwa x'qed jiġi diskuss bejn binhom Christian Borg u l-appellat Clint La Rosa,[1] u b'hekk dak li jirriżulta fil-korrispondenza bejn Christian Borg u Clint La Rosa, huwa altru milli rrelevanti. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud;

15. Il-Qorti ser tgħaddi issa biex tqis **it-tieni** u **t-tielet aggravji** li minħabba r-rabta ta' bejniethom ser ikunu qed jiġu meqjusa flimkien. F'dawn iż-żewġ aggravji l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti hekk kif miġjuba quddiemha, inkluż tar-rapport tal-espert *ex parte* Emanuel Felice. Skont l-appellanti, mill-provi li hemm fl-atti, l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom. Fost l-oħrajn, jisħqu li l-Ewwel Qorti kkonkludiet ħażin meta sabet li mill-*'videos'* li ġew mibgħuta lil binhom huma setgħu jaraw sewwa l-vettura u b'hekk kienu jafu x'qed jixtru. Jissottomettu li d-difetti li hemm fl-intern tal-vettura bħall-ħsarat fiċ-*'chassis'* u l-*'wiring'* perikoluż ta' taħt id-*'dashboard'* ma setgħux jiġu nnutati minnhom permezz ta' *'video'* qasir, u minkejja li tali difetti kellhom

[1] Ara fost l-oħrajn l-affidavit ta' John Borg (Dok JB1 – fol 41), u l-affidavit ta' Agnes Borg (Dok JB3 – fol 53). Ara wkoll it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Christian Borg, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April, 2018 (Fol. 121).

ikunu evidenti ħafna għall-persuna bħall-konvenut, dan ma qalilhom xejn bihom. Jagħmlu wkoll xi referenzi għall-korrispondenza bil-miktub li kien hemm bejn binhom Christian Borg u l-appellat Clint La Rosa, u jissottomettu li minn dik il-korrispondenza jidher ċar kif il-kundizzjoni li l-vettura tkun *"in full working order"* baqgħet ma nbidlitx. Fid-dawl ta' dan jissottomettu li l-Ewwel Qorti kkonkludiet ħażin li binhom bagħat lill-appellat biex jixtri l-vettura sabiex ma jitilfuhiex u dan minkejja li ġew mgħarrfa bid-difetti kollha li kellha l-vettura. Jilmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti 'ma qisitix' li l-appellat Clint La Rosa ma kienx persuna kredibbli tant li ma deherx għal xi seduti tal-kawża bl-iskuża li ma jiflaħx, però mbagħad irriżulta jew li kien ikun il-*'gym'* jew fis-*'showroom'*;

16. L-appellanti jilmentaw ukoll b'ċertu saħħa li l-Ewwel Qorti ma setgħetx mingħajr ġustifikazzjoni raġunata tinjora għalkollox ir-rapport tekniku magħmul mill-espert *surveyor* Emmanuel Felice (Dok EF2, fol 64).[2] Jissottomettu li l-pern kollu ta' din il-kawża huwa dwar in-nuqqasijiet fil-vettura, u jargumentaw li l-appellati ma xejnu bl-ebda mod il-konklużjonijiet ta' dan l-espert *ex parte,* tant li la ġabu xi rapport ta' xi espert *ex parte* ieħor, la talbu l-ħatra ta' xi perit tekniku, u wisq anqas għamlu xi kontroeżami lil Emmanuel Felice. Jgħidu li fih innifsu, in-nuqqas ta' kontroeżami kien biżżejjed biex iwassal lill-Ewwel Qorti għall-konvinċiment morali li d-difetti serji konstatati mill-espert *ex parte* kienu

[2] Kopja tal-istess rapport ġiet annessa flimkien mar-rikors maħluf u tinsab bejn fol. 5 sa 20 tal-proċess.

tassew jeżistu. Filwaqt li jirreferu għall-prinċipju li, ix-xhieda mogħtija in eżami li ma tiġix soġġetta għal xi forma ta' kontroeżami, għandha tiġi meqjusa bħala aċċetta mill-kontro-parti u veritjiera, jilmentaw li l-Ewwel Qorti minflok ma ħaddnet u applikat dan il-prinċipju, issostitwiet il-ġudizzju tal-espert *ex parte* bil-ġudizzju tagħha. Jirreferu wkoll għall-Artikolu 563A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jargumentaw li ma hemm xejn xi jżomm lill-Qorti milli taddotta l-konklużjonijiet magħmula minn espert *ex parte.* F'dan ir-rigward jisħqu wkoll li għalkemm huwa minnu li l-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta' xi espert, f'każ li l-Qorti ma tkunx ser toqgħod fuq il-fehma ta' espert, il-Qorti hija mistennija li tagħti spjegazzjoni għalfejn mhux ser tagħmel hekk, u dan speċjalment meta f'dak il-każ ma jkun hemm l-ebda relazzjoni teknika oħra fl-atti;

17. Meqjusa l-ilmenti tal-appellanti hekk kif imniżżla fit-tieni u t-tielet aggravji, din il-Qorti titlaq biex tgħid li għall-finijiet tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa mifhum li l-frażi *"kwalità miftiehma"* tirreferi għal: (i) *"kwalità jew kwalitajiet li huma essenzjali għall-użu tal-ħaġa"*; jew inkella (ii) kwalità jew kwalitajiet *"li jifformaw l-oġġett ta' xi impenn kontrattwali speċifiku".* F'każ li tonqos xi waħda minn dawn il-kwalitajiet, ix-xerrej huwa mogħni bl-għażla li *"jaġixxi għar-riżoluzzjoni jew għar-riduzzjoni tal-prezz"*. (ara s-sentenzi fil-kawzi fl-ismijiet ***Joseph Debono u martu Rita v. Uskin Ltd**,* Appell Inferjuri tat-28 ta' Marzu

2008;[3] ***Medcomms Limited v. Peter Muscat Scerri***, Appell Superjuri tal-31 ta' Jannar 2014;[4] u ***World Marketing Services Limited v. Lift Services Limited et.***, Appell Superjuri tas-26 ta' Jannar 2022[5]);

18. Minn dan isegwi li sabiex jiġi meqjus sewwa jekk ix-xerrej għandux tassew il-jedd li jitlob il-ħall tal-bejgħ fuq is-saħħa tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16, il-Qorti għandha: (i) l-ewwel u qabel kollox titlaq billi tistħarreġ jekk kienx hemm xi kwalitajiet partikolari li l-kontraenti qablu dwarhom, u dan dejjem fir-rigward tal-ħaġa mixtrija; u (ii) tistħarreġ x'kien l-iskop li għalih ix-xerrej xtara l-ħaġa, biex b'hekk tqis jekk il-ħaġa mixtrija għandhiex dawk il-kwalitajiet essenzjali sabiex ix-xerrej ikun jista' jużaha bil-mod ta' kif xtaq;

19. Wara li qieset sewwa l-provi in atti, din il-Qorti qed tifhem li f'dan il-każ, l-appellanti ma ridux xi vettura kwalunkwe, iżda vettura speċifika u ċjoè: (i) tad-ditta '*Ford*', (ii) mudell '*Mustang*', (iii) tas-sena 1965, (iv) ta' lewn aħmar, (v) b'magna oriġinali u tat-tip 'V8', (vi) li tgħaddi bħala vettura klassika mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u (vii) li tkun f'kundizzjoni tajba u ċjoè restawrata u lesta;

---

[3] App. Ċiv. Nru. 2/2006/1PS.
[4] App. Ċiv. Nru. 727/2000/1.
[5] App. Ċiv. Nru. 505/2002/1.

20. Dwar il-kwalitajiet tal-marka, il-mudell, is-sena tal-manifattura, il-lewn tal-vettura u li l-magna kellha tkun tat-tip 'V8', ma tantx hemm wieħed xi jgħid għaliex ma jidhirx li hemm xi diżgwid bejn il-partijiet dwar dawn il-kwalitajiet. Fil-fatt, huwa l-appellat Clint La Rosa stess li fl-affidavit tiegħu jammetti li *"Christian kien qed jitlob li l-mudell kellu jkun Mustang tas-1965, aħmar u bil-V8 bħala magna"*;[6]

21. L-istess jista' jingħad dwar il-kwalità li l-vettura kellha tkun waħda li tikkwalifika bħala vettura 'klassika' mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Fil-fatt, fl-affidavit tiegħu, l-appellat La Rosa stess iniżżel li Borg *"[k]ien interessat jixtri vettura Classic Vintage Amerikana u speċifika Ford Mustang bil-magna V8",* u ftit aktar 'l isfel jgħid li *"[d]in kellha taqa' taħt il-kategorija ta' Classic Vehicle ma' l-awtoritajiet Maltin".*[7] Il-fatt li l-partijiet qablu li l-vettura kellha tkun waħda li tikkwalifika bħala klassika għall-finijiet ta' reġistrazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jista' jiġi wkoll mislut mill-iskrittura tas-7 ta' Awwissu 2015, fejn hemmhekk hemm imniżżel li: *"Car is sold with registration and Maltese plates registered as classic car"*;[8]

22. Dwar il-kwalità li l-vettura kellha tkun bil-magna oriġinali tagħha, din il-Qorti nnutat li apparti li dan il-fatt ġie mtenni fuq ġurament kemm-il

[6] Ara affidavit ta' Clint La Rosa (Dok A, fol 83). Ara wkoll l-affidavit tal-appellant John Borg (Dok JB1, fol 39).
[7] Affidavit ta' Clint La Rosa (Dok. A, Fol. 83).
[8] Dok. JBC, fol. 45.

darba mill-appellant John Borg[9] u ibnu Christian Borg,[10] tali fatt ġie wkoll ikkonfermat mill-appellanta Agnes Borg li fl-affidavit tagħha tgħid hekk: *"Niftakar illi t-tifel u r-raġel ġieli ċemplu lil dan Clint għaliex il-karozza li kienu akkordaw fuqha kienet inbiegħet u Clint kellu jsib xi oħra simili ġewwa l-Amerka. Niftakar lit-tifel u lir-raġel jgħidulu biex dik isibha fl-istess kundizzjoni bħall-ewwel waħda u* ***li jkollha l-magna oriġinali****".*[11] Għalkemm huwa minnu li din ix-xhieda ta' Agnes Borg għandha tittieħed b'ċertu ċirkospezzjoni għaliex fl-aħħar mill-aħħar hija parti f'din il-kawża, l-appellati min-naħa l-oħra ma kkontestawx dak li qalet Borg, bħal pereżempju bil-mezz tal-kontroeżami, u minħabba f'hekk il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn Borg m'għandhiex titwemmen. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kwalità li l-vettura kellha tkun bil-magna oriġinali tista' tiġi kkorroborata mill-korrispondenza ta' bejn iben l-appellanti u l-appellat Clint La Rosa, li fis-16 ta' Awwissu 2015, informa lil iben l-appellanti li *"Andna problema, Ax bijaw,* ***U ma kellux original engine****, Ax cempitlu il birah u saqsejtu u damlodu bijaw"*[12] (sic). Fil-fehma tal-Qorti, li kieku ma kienx hemm xi premura li l-vettura kellha tkun bil-magna oriġinali, l-appellat Clint La Rosa x'aktarx ma kienx ser jirreferi għall-fatt li l-vettura ma kinitx bil-magna oriġinali, u għalhekk din il-Qorti qed temmen il-verżjoni li kien hemm qbil li l-vettura kellha tkun bil-magna oriġinali. Il-

---

[9] Ara affidavit John Borg, Dok. JB1, fol. 39.

[10] Ara affidavit Christian Borg, Dok. JB2, fol. 49, u traskrizzjoni tax-xhieda ta' Christian Borg mogħtija fis-seduta tal-25/04/2018, fejn hemmhekk huwa speċifikament tenna li: *Jiena xtaqt vettura Ford Mustang tal-elf disa' mija ħamsa u sittin (1965)* ***bil-V8 magna oriġinali****, xtaqt li din il-vettura tkun ta' kulur aħmar"* (fol 119).

[11] Ara affidavit ta' Agnes Borg, Dok. JB3, fol. 53.

[12] Estratt meħud minn Dok. CB, fol. 198.

Qorti tosserva wkoll li għalkemm huwa tassew minnu li f'korrispondenza partikolari tas-17 ta' Awwissu 2015, iben l-appellanti kiteb lil La Rosa: *"Isma dak ta vagal bil magna mibdula nahseb hux"*[13] (sic), fil-fehma tal-Qorti, dan is-suspett fih innifsu ma wassalx biex inbidlet il-kundizzjoni li l-vettura kellha tkun bil-magna oriġinali. Kemm hu hekk, La Rosa baqa' jittama li l-vettura setgħet kienet bil-magna oriġinali, tant li wieġbu hekk: *"Ta vagas tista tkun tijww big block ax saqsejt"*[14] (sic);

23. Kwalità oħra importanti li jirriżulta li l-partijiet qablu dwarha hi li l-vettura kellha tkun f'kundizzjoni tajba. F'dan ir-rigward, hu relevanti l-fatt li l-appellat Clint La Rosa, ma telax l-Amerika biex sempliċement jakkwista l-vettura ħalli mbagħad jittrasferiha lill-appellanti, iżda tela' propju biex l-ewwel u qabel kollox jassigura li l-vettura hija f'kundizzjoni tajba. Dwar dan, l-appellant John Borg jgħid li La Rosa tela' l-Amerika biex jispezzjona l-vettura, u dan sabiex *"jekk jirriżulta li din m'hix tal-kondizzjoni kif muri fir-ritratti li kellna u kif xtaqniha aħna allura konna nwaqqfu kollox*".[15] Din il-Qorti m'għandhiex dubju li din il-premura baqgħet fis-seħħ anke fir-rigward tal-akkwist tal-vettura inkwistjoni. Dan il-fatt mhux biss jirriżulta minn dak li xehed iben l-appellanti,[16] iżda fuq kollox ġie konċess minn ħadd ħlief l-appellat La Rosa stess, meta waqt li kien kontroeżaminat fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020, għall-mistoqsija:

[13] Dok. CB, fol. 198.
[14] Id.
[15] Ara affidavit ta' John Borg, DOK JB1, fol 40.
[16] Ara t-traskrizzjoni ta' xhieda ta' Christian Borg, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2019, fol 120-121.

*"[i]ssa ara naqblux illi fuq din il-karozza partikolari, li eventwalment inti ġibt...hu ma qallekx gibhieli kif inhi, qallek araha l-ewwel u ara li tajba",* La Rosa wieġeb hekk: *"[e]żatt jiena mort hemm hekk ...mort Los Angeles, bgħattlu video min hemm hekk, raha u qalli mexxi u ġibha".*[17] Apparti li La Rosa reġa' kkonferma dan aktar tard f'dik l-istess seduta,[18] il-fatt li kien hemm premura li l-vettura kellha tkun f'kundizzjoni tajba biex tiġi mixtrija mill-appellanti tirriżulta wkoll mill-korrispondenza li hemm bejn Christian Borg u l-appellat La Rosa. Pereżempju, lejliet il-ġurnata li xtara l-vettura in mertu l-appellat kiteb lil Christian Borg hekk: *"Dw sieħbi. Tajjeb li ssaqsi.* ***Issa ada narah sew u naraw min hem dik lahjar haga****. Heq sibtlek iehor ilbierah imma ma batlekx ritratti ax kellu bżonn zeba kollu u seat imqatta ima bil prezz li tajuli kont namilomlok aw u* ***innizilulek gdid****. Imma ad* ***dan ahjar minnu hux ax lest****"*[19] (sic). Tali fatt jirriżulta wkoll minn parti oħra tal-korrispondenza, fejn b'referenza għall-vettura in mertu, it-tifel tal-appellanti kiteb lill-appellat hekk: *"issa jekk titla vages u xhin itina ir report u kollox ma jogobonix x'jigri",*[20] (sic), La Rosa wieġbu: *"Xi teidu jiġri mux insibu iehor. Imma dan sabih hux"*[21] (sic). Barra minn hekk, aktar kmieni, u speċifikament meta iben l-appellanti kiteb lil La Rosa li kien inkwetat li mhux ser isib vettura bħalma jixtieq, La Rosa wieġbu hekk: *"Uxeee ħalli fidi siehbi differenti issa qijad awnek jekk insibu wiehed* ***kif nixtiequh*** *boom nurijulek namillek ir riport u* ***jekk ikun tajjeb***

[17] Fol 320
[18] Fol 321.
[19] Dok. CB, fol. 221.
[20] Dok. CB, fol. 215.
[21] Id.

***nixtruh**."*[22] (sic) Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu juri li l-impenn li l-vettura kellha tkun ta' kwalità tajba baqgħet dejjem hemm, u l-appellat La Rosa kien konxju sewwa ta' dan;

24. Marbut sfiq ma' dak li għadu kif qed jiġi osservat, din il-Qorti qiegħda wkoll tasal għall-fehma li l-appellanti ma ridux jakkwistaw xi vettura antika għal skopijiet biex joqogħdu jirrestawrawha *"b'ħafna xogħol u investiment",*[23] iżda minflok riedu vettura li tkun diġà tajba b'tali mod li tkun tista' tiġi mgawdija minnhom minnufih. Dan kollu jwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li kwalità essenzjali li kienu qed ifittxu l-appellanti fil-vettura mixtrija kienet għalhekk li din kellha tkun tajba biżżejjed biex tkun tista' tinsaq fi triq;

25. Ikkonsidrati kemm il-kwalitajiet essenzjali li l-appellanti kienu qed jistennew mill-vettura in mertu kif ukoll l-impenn kontrattwali speċifiku ta' bejn il-partijiet, din il-Qorti tħoss li l-appellanti għandhom raġun jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li l-vettura in mertu hija tal-kwalità miftiehma;

26. Mill-atti u preċiżament mir-rapport tal-espert *ex parte* Emanuel Felice jirriżulta li l-vettura mertu tal-kawża mhux biss għandha ċertu difetti li tista' tgħid huma konsegwenza naturali taż-żmien, iżda wkoll għandha

[22] Dok CLRX, fol 139.
[23] Estratt minn paragrafu 52(e) tas-sentenza appellata.

ċertu difetti oħra li jmorru lil hemm minn dan. Pereżempju, l-espert *ex parte* kkonstata li l-vettura kienet involuta f'aċċident ta' natura x'aktarx severa: fattur li żgur ma jistax jitqies konsegwenza naturali taż-żmien![24] L-istess espert innota wkoll li l-magna tal-vettura ma setgħet qatt kienet dik oriġinali, u dan għaliex it-tip ta' mudell li ġie konsenjat lill-appellanti ħareġ b'magna b'sitt ċilindri (V6) u mhux bi tmien ċilindri (V8).[25] Fl-istess rapport, l-espert *ex parte* kkonstata wkoll li d-difetti fl-istruttura u s-sistema elettrika tal-vettura jirrendu lill-istess vettura *"as a non-roadworthy class*".[26] Dan il-fatt tal-aħħar reġa' mbagħad ġie mtenni mill-espert *ex parte* waqt is-seduta li nżammet fil-21 ta' Frar 2017, u li fiha, apparti li kkonferma r-rapport tiegħu bil-ġurament, qal li: ***"[m]eta rajt din il-vettura l-ewwel darba sibt din il-vettura fi stat diżastruż u dan kemm fi stat mekkaniku u kif ukoll fi stat strutturali. Fil-fatt riżultat ta` dan illi rriskontrajt il-vettura ma kienetx tajba biex tintuża b'inkolumita` fit-triq"***;[27]

27. Ta' importanza huwa wkoll il-fatt li mill-atti jirriżulta li l-unika verżjoni kuntrastanti għal dik tal-perit tekniku hija propju dik tal-appellat Clint La Rosa stess, li fl-affidavit tiegħu jiċħad li l-vettura mhijiex *'roadworthy',* u li

[24] Fir-rapport tal-espert *ex parte* (fol 7), ġie mniżżel hekk: "*both front and rear chassis legs members were involved in a possible severe accident collision especially on the rear that is very easy evidently seen that they are creased and crumbled, on the other hand regarding the repairs after the accident on these members were not performed in a safe and up to standard manner, I also noticed that the front chassis leg members next to the lower arms of the front wheels were cracked in a critical unsafe roadworthy condition"*
[25] Id.
[26] Id.
[27] Ara traskrizzjoni ta' xhieda ta' Emanuel Felice, mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2017, fol 61.

jżid jgħid li *"kull m'hemm bżonn li jsir fuqha huwa biss dawk l-affarijiet indikati minni stess lil Christian waqt l-inspection awdjo viżiva li jien kont għamilt*".[28] Din il-Qorti però ma tħossx li l-verżjoni ta' La Rosa tista' tegħleb dik tal-espert Emanuel Felice. Minbarra li din il-Qorti hija tal-fehma li Felice għandu l-kwalifiċi meħtieġa biex jitqies li jista' jagħti xhieda bħala espert fil-materja inkwistjoni,[29] u dan għaliex ikkonferma li jaħdem bħala *'surveyor'*,[30] fuq ix-xaqliba l-oħra, din il-Qorti ma tħossx li tista' toqgħod ħafna fuq dak li jgħid La Rosa. Il-Qorti qed tgħid hekk, għaliex apparti li La Rosa huwa parti fil-kawża u b'hekk il-fehma tiegħu hija ta' bilfors imtappna b'ċertu element qawwi ta' suġġettività, din il-Qorti hekk kif kienet qed tifli l-atti sabet ukoll li La Rosa mhux dejjem kien onest fix-xhieda tiegħu. Pereżempju filwaqt li fl-affidavit li ġie ppreżentat waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2017, La Rosa jagħmel referenza għar-rapport tal-espert *ex parte* tant li jgħid li: *"[j]ien rajt ukoll ir-rapport tal-espert Emanuel Felice fejn jien assolutament ma naqbilx ma' dak li hemm rapportat ossija l-vettura mhix road worthy"*,[31] min-naħa l-oħra, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020, quddiem Imħallef differenti huwa ċaħad għalkollox li qatt ra r-rapport tal-espert *ex parte.* Kemm hu hekk għall-mistoqsija tal-Qorti *"[m]ela fol... mela x-xhud qed jiġi muri dokument a fol 64 etc tal-process illi huwa r-rapport tas-surveyor Emanuel Felice. Inti dak ir-rapport*

[28] Affidavit ta' Clint La Rosa, Dok A, fol 86.
[29] Artikolu 563A tal-Kap 16.
[30] Fol. 61.
[31] Dok A, Fol. 86.

*qatt ma rajtu qabel illum?",*[32] La Rosa jwieġeb ċar u tond: "*[I]e"*!.[33] Din il-kontradizzjoni żgur li ma tirrifletti xejn sabiħ fuq kemm wiehed jista' joqghod fuq il-konvenut u qed twassal lil din il-Qorti biex tagħti wkoll raġun lill-appellanti meta jgħidu li l-Ewwel Qorti naqset meta ma qisitx li La Rosa mhuwiex kredibbli;

28. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ukoll mal-appellanti li l-Ewwel Qorti kellha tagħti aktar piż lill-fehma teknika tal-espert *ex parte*, inkluż il-kostatazzjoni li l-vettura ma tistax titqies bħala *'roadworthy'.* Dan aktar u aktar meta fl-atti ma hemm l-ebda relazzjoni teknika oħra, u l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda indikazzjoni li din il-kostatazzjoni tmur kontra l-konvinzjonijiet tagħha. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet ta' ***Vivendo Projects Limited v. L-Università ta' Malta et.*** deċiża fit-28 ta' Frar 2014: *"ma hemm xejn ħażin jew kontra l-liġi li każ jiġi deċiż a bażi ta' xhud espert jew mhuwiex, ta' parti waħda fil-kawża. Tribunal aditt u b'poteri quasi ġudizzjarji jrid jiddeċiedi fuq il-provi li jitressqu għal quddiemu, u jekk għat-Tribunal xhud wieħed hu kredibbli u ta' min joqgħod fuqu, jista' jiddeċiedi l-każ a bażi ta' dik ix-xhieda speċjalment meta ma jkunx kontradett. Huwa possibbli f'kawża li parti tressaq bħala xhud espert ex parte, u sta għall-parti l-oħra, jekk trid tikkontesta x-xhieda ta' dan ix-xhud, li tressaq hi wkoll espert imqabbad minnha jew tinsisti mat-Tribunal sabiex dan jaħtar perit tekniku*

[32] Fol. 322.
[33] Id.

*indipendenti sabiex jassistih fl-indaġni tiegħu.".*[34] Fiċ-ċirkustanzi, din il-Qorti tħoss li għandha tistrieħ fuq il-fehma teknika tal-espert *ex parte* Emanuel Felice, u b'hekk qed tqis li l-appellanti rnexxielhom jippruvaw li l-vettura mertu tal-kawża għandha n-nuqqasijiet imsemmija minn dak l-espert u mhijiex fi stat li tista' titqies bħala *'roadworthy'*;

29. Ġaladarba l-Qorti qed tqis li ġie ppruvat il-fatt li l-vettura għandha dawk in-nuqqasijiet imsemmija mill-espert *ex parte,* u l-istess espert qed iqis li wħud minn dawn in-nuqqasijiet qed iwasslu lill-vettura biex taqa' fil-kategorija ta' *'non roadworthy'*, allura jsegwi li l-vettura in mertu ma tistax titqies li hija tal-kwalità miftiehma, u dan għaliex minn kif ġie osservat qabel, f'dan il-każ kien hemm impenn kontrattwali li l-vettura kellha tkun f'kundizzjoni tajba;

30. Barra minn hekk, anke jekk jiġi konsidrat li l-appellanti riedu jakkwistaw il-vettura biex igawduha fit-triq u mhux biex joqogħdu jirrestawrawha, allura jsegwi wkoll li l-appellanti rnexxielhom jippruvaw li l-vettura in mertu hija nieqsa minn dawk il-kwalitajiet li huma essenzjali għall-użu tagħha. Kif intqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet ta' ***Denis u Brenda konjugi Farrugia v. Joseph Dimech pro. et. noe.*** Appell Inferjuri tal-25 ta' Frar 2004: *"Issa m'ghandux ikun dubitat illi in linea generali ta' dritt xerrej ghandu jistenna b'affidament illi l-prodott mixtri jew*

[34] App. Ċiv. Nru. 439/2013/1.

*magħżul minnu jikkorrispondi f'kull rispett għal dawk il-karatteristiċi idonei li jikkontribwixxu biex hekk jikkwalifikawh. Konsegwentement, anke jekk ma jissemmewx espliċitament fil-kuntratt ta' ftehim, hi kanoni legali ta' l-ermenewtika kontrattwali li tikkonsidra dawn l-istess karatteristiċi bhala kwalita` essenzjali tal-prodott."*[35] Ġaladarba l-vettura mhix tajba għall-iskop li għalih inxtrat, allura anke fuq hekk biss, l-Ewwel Qorti kellha twarrab id-difiża tal-konvenuti li l-vettura hija tal-kwalità pattwita;

31. Lil hemm minn dan, din il-Qorti lanqas ma tqis bħala raġonevoli l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellanti kienu *'ben a korrent ta' dak illi kienu qed jixtru'*[36] u li La Rosa kien wera sewwa l-vettura lil iben l-appellanti u għarrafhom bid-difetti li kellha;

32. Apparti li ma jirriżultax li La Rosa għarraf lill-appellanti jew lil binhom li l-vettura in mertu ma kinitx bil-magna tal-fabbrika, u dan għaliex fil-kontroeżami tat-30 ta' Jannar 2020, l-appellat La Rosa stess stqarr li meta mar jispezzjona l-karozza huwa 'ma setax jivverifika' dan.[37] Din il-Qorti hija wkoll konvinta li La Rosa lanqas ma għarraf lill-appellanti li l-vettura għandha bosta difetti serji, fosthom dawk strutturali fil-qiegħ

---

[35] App. Ċiv. Nru. 111/2002/1PS.
[36] Estratt meħud minn paragrafu 52(g) tas-sentenza appellata.
[37] Għall-mistoqsija tal-Qorti "*Igifieri inti stajt tivverifika jekk kienitx il-magna li ħarġet biha mill-fabbrika jew?",* La Rosa wieġeb: "*Le ma stajtx ta' ghax ridt insib l-engine number, tqabblu max-chassis ... ma tistax tivverifika dak il-hin. Jekk l-engine number ikun mghotti trid tara thokkux ... jekk gieli biddlulha l-blokka, jista' jbiddlulha l-blokka hemm hekk ma jbiddlulhomx l-engine number, fil-fatt insibu hafna jippancjawhom Malta l-Pulizija. Nghaddi minn hafna minn dawn. Fhimt ... trid tifhem li l-karozza antika hux",* (Fol. 324).

tagħha.[38] Dwar dan, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020, iben l-appellanti saħaq li fil-*'video call',* La Rosa ma kienx urieh il-vettura minn taħt u: *"[l]a kien urieni l-booth ... la kien urieni fejn għandu maqsum... la fejn hemm id-daqqa wara... xejn".*[39] Jgħid ukoll li La Rosa kien qallu li l-karozza hija tajba u minħabba f'hekk huma kienu qagħdu fuq il-kelma tiegħu meta qalulu biex jixtriha.[40] Din il-Qorti ma tarax li m'għandhiex għalfejn ma temminx il-verżjoni ta' Christian Borg, u dan għaliex mill-korrispondenza li hemm bejnu u bejn l-appellat La Rosa, jirriżulta li dan tal-aħħar dejjem tah l-impressjoni li l-vettura hija f'kundizzjoni tajba. Pereżempju, f'korrispondenza partikolari, La Rosa jgħid lill-iben l-appellanti biex iħalli f'idejh u li x'ħin kien ser iniżżlu l-karozza Malta huwa kien ser jeħodha għand l-*isprayer* ħa jagħmillu ***"in-naqriet"*** li għandha u jagħtihielu ***"lest[a]".***[41] Bl-istess mod, u b'referenza għall-mistoqsija oħra ta' Christian Borg dwar jekk il-komponenti elettroniċi tal-karozza jaħdmux kollha, La Rosa wieġeb lil Borg hekk: *"kollox jaħdem chri sal wipers ukoll :PP".*[42] Hija wkoll verosimili l-verżjoni ta' Borg li La Rosa qatt ma kien urieh jew qallu bid-difetti strutturali li hemm fil-qiegħ tal-vettura, u b'mod partikolari li c-*chassis* huwa maqsum. Fil-fatt, fil-kontroeżami tat-30 ta' Jannar 2020, La Rosa stess jammetti li waqt l-ispezzjoni tal-vettura ma rriżultalux li ċ-*'chassis'* kien maqsum, u filwaqt li min-naħa l-waħda jgħid li *"jien urejtu l-video minn taħt ukoll",* ftit tas-sekondi wara jgħid li *"ma kellix*

[38] Ara kontroeżami ta' Christian Borg, fol. 331, fejn dan jistqarr li fil-'*video call* La Rosa '
[39] Fol 331.
[40] Fol. 337.
[41] Fol 280.
[42] Fol 233.

*jack fejn ngħolliha".*[43] Jekk La Rosa li kien qed jispezzjona l-vettura b'għajnejh ma setax jara sewwa l-qiegħ tal-vettura għax ma kellux ġakk, mela allura kif l-appellanti jew binhom setgħu jaraw sew il-qiegħ tal-vettura minn fuq '*video call'*?!? Fl-aħħar nett, il-Qorti wara li rat il-*videos* li ġew preżentati mill-konvenuti,[44] tqis ukoll korretta l-verżjoni ta' Chris Borg li mill-*videos* l-oħrajn, huwa lanqas seta' jara d-difetti serji li ġew kostatati mill-espert *ex parte,* u b'hekk tħares minn kull fejn tħares, ma jirriżultax li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellanti kienu jafu x'qed jixtru hija ġusitifikata;

33. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qed tikkonkludi li t-tieni u t-tielet aggravji tal-appellanti huma siewja u b'hekk qed taqbel mal-appellanti li l-vettura in mertu mhijiex tal-kwalità miftiehma;

34. Ġaladarba din il-Qorti qed taqbel mal-appellanti li l-vettura mhijiex tal-kwalità pattwita, allura ma tirriżultax il-ħtieġa għalfejn din il-Qorti għandha toqgħod tidħol fir-**raba' aggravju** li fih l-appellanti qed ikomplu jinsistu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet li l-vettura in mertu mhijiex tal-kwalità mwiegħda. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex issa tistħarreġ il-ħames aggravju;

---

[43] Fol. 328.
[44] USB Stick, Dok CLR01, fol 330.

35. Fil-**<u>ħames aggravju</u>**, l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li ma tressqitx prova li l-vettura ġiet mitluqa mill-pussess tagħhom u ddepożitata l-Qorti. Dwar dan jissottomettu li l-Ewwel Qorti setgħet faċilment tivverifika jekk iċ-ċedola tassew daħlitx fir-reġistru, u dan peress li ċedola hija att tal-Qorti u b'hekk diġà meqjusa fil-pussess tal-Qorti;

36. Bla ma hemm għalfejn jingħad ħafna, il-Qorti tqis li l-ħames aggravju tal-appellanti huwa wkoll siewi. Kif intqal f'bosta sentenzi nkluż dawk tal-kawzi fl-ismijiet ta' ***Joseph Farrugia et. v. Joseph Attard et.*** deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 2017;[45] ***John Mallia et. v. Pauline Bonnici*** Appell Inferjuri, tad-19 ta' Mejju, 2017;[46] u ***Korporazzjoni Enemalta v. V&C Contractors Limited***, Appell Inferjuri tat-22 ta' Jannar 2010,[47] f'każ li parti tagħti biżżejjed dettalji għall-identifikazzjoni ta' att ġudizzjarju, allura ma hemmx il-ħtieġa li dak l-att ġudizzjarju jiġi esebit fil-proċess tal-kawża u dan għaliex il-Qorti tista' tivverifika l-eżistenza u l-kontenut ta' dak l-att. F'dan il-każ, fir-rikors promotur, l-appellanti għamlu referenza għaċ-ċedola ta' depożitu li ġiet preżentata kontestwalment mal-kawża, jiġifieri fl-14 ta' April 2016.[48] Minn tfittxija fuq is-sistema tal-Qorti, din il-Qorti rriżultalha li fl-14 ta' April 2016, l-appellanti tassew ppreżentaw ċedola ta' depożitu li ġġib in-numru

[45] App. Ċiv. Nru. 208/2005/1.
[46] App. Nru. 103/2011/1AE.
[47] App Ċiv. Nru. 536/2008/1PS.
[48] Fol. 3.

571/2016,[49] u b'hekk l-appellanti għandhom raġun jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonsidra li qatt ma nġabet prova li l-vettura ġiet attwalment depożitata;

37. Barra minn hekk, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li anke abbażi tal-provi li hemm fl-atti, l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li *"ma hemm l-ebda prova a kuntrarju ta' dak dikjarat mill-intimati"* fis-seba' eċċezzjoni, u ċjoè li l-appellanti aċċettaw il-vettura.[50] Apparti li mill-affidavits ta' John Borg u Christian Borg jirriżulta li hekk kif l-appellant John Borg induna bin-nuqqasijiet serji fil-vettura, dan mal-ewwel informa lil La Rosa li ma riedx il-vettura.[51] It-tali fatt jista' jiġi wkoll korroborat mill-affidavit tal-appellat La Rosa stess fejn dan jindika li John Borg "*beda bl-avukati*" f'qasir żmien.[52] Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tqisx għalhekk li l-appellanti kienu b'xi mod jew ieħor ittolleraw in-nuqqasijiet fil-vettura, u b'hekk tħares minn kull fejn tħares, is-seba' eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa u ma kellhiex tiġi milqugħa;

38. Dejjem b'rabta mas-seba' eċċezzjoni tal-appellati, il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkummentax li l-appellati ma kien messhom qatt li ddikjaraw bil-ġurament tagħhom li l-vettura kienet għadha fil-pussess tal-appellanti. L-appellati ġew notifikati biċ-ċedola ta' depożitu fil-21 ta' April 2016, u ċjoè

[49] https://ecourts.gov.mt/onlineservices/Acts/Detail/2242152#
[50] Ara paragrafu 55 tas-sentenza appellata.
[51] Ara Dok. JB1, fol. 42; u Dok. JB2, fol 51.
[52] Dok. A, fol 85.

qabel ma ppreżentaw ir-risposta maħlufa tagħhom, u b'hekk kienu ferm żleali meta ddikjaraw li l-vettura kienet għadha fil-pussess tal-appellanti;

39. Għalkemm l-elementi kollha li huma normalment meħtieġa sabiex tintlaqa' t-talba għar-rexxissjoni tal-bejgħ ghall-finijiet tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 huma lkoll sodisfatti, f'dan l-istadju, din il-Qorti ma tistax taqbad u tgħaddi biex tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-appellanti qabel ma tqis il-**<u>ħames eċċezzjoni</u>** tal-konvenuti li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiddeċiedi u li fiha l-appellati qajmu d-difiża li l-azzjoni tal-appellanti hija 'improponibbli' għaliex il-kuntratt in mertu mhuwiex dak ta' bejgħ;

40. Peress li din il-kawża issa ilha għaddejja aktar minn seba' snin, din il-Qorti ma tarax li huwa fl-interess taż-żewġ partijiet li l-kawża għandha titwal aktar u dan billi tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi din l-eċċezzjoni, li fil-fehma tal-Qorti hija manifestament fiergħa u ħażina;

41. Ibda biex li għalkemm din l-eċċezzjoni tqajmet 'bla preġudizzju' għall-eċċezzjonijiet l-oħra, fil-verità din l-eċċezzjoni hija manifestament kontradittorja għall-eċċezzjonijiet l-oħra, fosthom l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' eċċezzjoni. B'mod partikolari fis-seba' eċċezzjoni ġie mniżżel li *"l-esponent jiddikjara li, apparti l-bejgħ ġie konkluż, hu ttrasferixxa din il-vettura lir-rikorrent John Borg..."*. Fil-fehma tal-Qorti jekk l-appellat qed

jistqarr bil-ġurament tiegħu li l-bejgħ ġie konkluż, l-appellat ma jistax fl-istess nifs, u bl-istess ġurament jiddikjara li l-kuntratt mhux ta' bejgħ!

42. Lil hemm minn dan, minn sempliċi ħarsa lejn il-ftehim bil-miktub li sar fir-rigward tal-vettura in mertu (Dok. JBD, fol. 46) jirriżulta iswed fuq l-abjad kif il-kuntratt kien dak ta' bejgħ, u xejn aktar jew anqas. Apparti li minn dik l-iskrittura jidher li r-relazzjoni ġuridika bejn l-appellati u l-appellanti hija dik bħala *'seller – buyer',* fl-istess skrittura jsiru diversi referenzi għall-bejgħ, bħal pereżempju: *"**seller** holds responsibility of delivering car in full working order as stated by the report given when viewing the car.* ***sold as tale qual*** *(as is)"* (sic);

43. Il-ħames eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda, u peress li minn kif diġà ntqal l-elementi kollha għall-azzjoni taħt l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 huma sodisfatti, il-Qorti ser tkun qed tilqa' l**-ewwel żewġ talbiet** tal-appellanti;

44. Ġaladarba l-Qorti tqis li hemm lok għar-rexxissjoni tal-bejgħ tal-vettura in mertu, din il-Qorti tqis ukoll mistħoqqa **t-tielet talba** li fiha l-appellanti qed jitolbu lura mingħand l-appellati s-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000) li ħallsu akkont tal-prezz tal-vettura. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza kemm lejn il-ftehim bil-miktub li fih hemm indikat li l-appellant John Borg għadda lill-appellati s-somma ta' sittax-il elf ewro

bħala depożitu fuq il-vettura,[53] kif ukoll lejn żewġ kopji ta' ***'bank drafts'*** li jikkorroboraw dan il-ħlas;[54]

45. Mhux l-istess però jista' jingħad għar-**raba', il-ħames u s-sitt talbiet** li fihom l-atturi appellanti qed jitolbu lill-Qorti biex tiddikjara u tillikwida d-danni sofferti minnhom, fosthom l-ispejjeż inkorsi għar-rapport tas-*'surveyor'.* F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li l-appellanti ma ġabu l-ebda prova ta' dawn id-danni, u b'hekk l-Qorti ser tkun qed tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet, filwaqt li tilqa' t-**tmien eċċezzjoni** tal-konvenuti appellati sa fejn għandha x'taqsam ma' dan;

46. Fl-aħħar nett, u dwar it-talba għall-imgħax din il-Qorti nnutat li għalkemm fl-affidavit tiegħu Christian Borg jgħid li wara li marru jkellmu lill-avukat, *"[l]-ewwel bagħatna ittra u mbagħad kellha ssir din il-kawża",*[55] Borg naqas milli jagħti xi ħjiel dwar din l-ittra, bħal pereżempju jekk kinitx ittra legali jew ġudizzjarja. F'kull każ, minkejja li l-Qorti għamlet tfittxija fis-sistema elettronika tar-reġistru, il-Qorti ma sabet l-ebda evidenza ta' din l-'ittra', u b'hekk qed tqis li l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tat-22 ta' April 2016, li hija d-data ta' meta l-appellati ġew notifikati bir-rikors promotur;[56]

---

[53] Dok JBD, (fol 46).
[54] Dok JBE (fol 47), u Dok JBF (fol. 48).
[55] Dok JB2, Fol. 52.
[56] Fol. 23.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell sakemm kompatibbli ma' din is-sentenza, u b'hekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Lulju 2020 fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi:

(i) Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-vettura tat-tip Mustang tal-1965 (*Warranty Number* 5R07T208875) mhijiex waħda tal-kwalità pattwita u għalhekk hemm lok li tintalab ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ u r-radd lura tal-prezz kollu mħallas;

(ii) Tilqa' t-tieni talba tal-atturi u dan billi tiddikjara rexxiss il-bejgħ tal-vettura in mertu;

(iii) Tordna lill-intimati sabiex jirrifondu lura lir-rikorrenti rapprezentanti l-akkont tal-prezz ta' sittax-il elf ewro (€16,000), solidalment bejniethom, u dan bl-imgħax legali mit-22 ta' April 2016, sal-jum tal-ħlas effettiv;

(iv) Tiċħad ir-raba', il-ħames, u s-sitt talbiet tal-atturi, filwaqt li tilqa' parzjalment it-tmien eċċezzjoni, sa fejn il-konvenuti qalu li l-atturi jridu jġibu prova tad-danni u tal-*quantum* tat-tali danni;

(v) Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Mill-bqija, tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn ċaħdet id-difiża tal-konvenuti li l-atturi m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpanija 'Welcome Auto Dealer Ltd';

Bl-ispejjeż kollha a kariku tal-intimati, inkluż dawk tal-kunsinnatarju, kif ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk tal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti, dawn il-proċeduri tal-appell, kif ukoll taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-numru 571/2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 562/2016.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm